**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 20 ta' Ottubru 2017**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 16/2013**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Jonathan Felice**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali kontra Jonathan Felice li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Jonathan Felice talli (1) reċidiv f'delitt, fis-27 ta' Ġunju 2006, f'Ħal Qormi għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (15:30hrs), bil-ħsieb li jikkommetti delitt ta' serq mill-fond 'Casa Debono' ġewwa Triq il-Vittorja, Ħal-Qormi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta` tiegħu u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-vjolenza numerika u akkumpanjata b'offiża gravi li ġġib il-konsegwenza msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, ċioe'

debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, jew difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, kif ukoll offiżi ħfief, meta din il-"vjolenza" hekk imsemmija hija diretta kontra persuna li għalqet sittin sena (60) u ċioe` l-persuna ta' Dolores Debono ta' wieħed u tmenin sena (81) kif ukoll bis-sekwestru tal-persuna; (2) reċidiv f'delitt, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Dolores Debono f'perikolu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq persuna, billi kkaġuna jew x'aktarx ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġab difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena; (3) reċidiv f'delitt, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Dolores Debono f'perikolu ċar, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq persuna, meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Novembru 2014 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih, b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabu lill-akkużat Jonathan Felice hati skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, b'dana pero` li l-offiża kienet waħda ħafifa, b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabuh mhux hati skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża, u b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabuh ħati skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża, iddikjarat lill-istess Jonathan Felice recidiv f'delitt u ħati talli:

(1) fis-27 ta' Ġunju 2006, f'Ħal Qormi għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (15:30hrs), bil-ħsieb li jikkommetti delitt ta' serq mill-fond 'Casa Debono' ġewwa Triq il-Vittorja, Ħal-Qormi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta` tiegħu u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-vjolenza numerika u akkumpanjata b'offiża ta' natura ħafifa, meta din il-"vjolenza" hekk imsemmija hija diretta kontra persuna li għalqet sittin sena (60) u ċioe` l-persuna ta' Dolores Debono ta' wieħed u tmenin sena (81) kif ukoll bis-sekwestru tal-persuna;

(2) fis-27 ta' Ġunju 2006, f'Ħal Qormi għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (15:30hrs), mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Dolores Debono f'perikolu ċar, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq persuna, meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 7, 9, 17, 20, 23, 31, 37, 41(1)(a), 49, 50, 214, 221, 222A, 261(a)(b)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263, 264, 269(g), 274(a), 275, 276, 276A, 277(b), 278, 281, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali u qieset l-aggravju tar-reċidiva, ikkundannat l-ħati Jonathan Felice għal disa' (9) snin priġunerija. Inoltre, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati jħallas l-ammont ta' disa' mija u disgħa u sittin

euro u tnax-il ċenteżmu (€969.12) bħala spejjeż inkorsi f'dan il-proċess; dan wara li kkunsidrat ukoll is-segwenti:

> "Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Leslie Cuschieri.
>
> "Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Giannella Busuttil.
>
> "Rat il-fedina penali ferm refrattarja tal-hati, minn fejn irrizulta illi ta' tlettax-il sena diga` beda fit-triq tal-kriminalita` b'mod serju u minkejja l-opportunitajiet moghtija baqa' ghaddej fil-hajja kriminali tieghu bi sfida lejn is-socjeta` u tal-istess Qorti illi wriet fiducja illi sejjer jirriforma, din il-Qorti m'hijiex sejra tittollera aktar dan l-agir u thoss illi l-hati ghandu jinghata piena kemm jista' jkun vicin il-massimu, mehud in konsiderazzjoni l-aggravji u r-recidiva u l-eta` tieghu (17-il sena) meta kkommetta r-reat."

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Jonathan Felice ppreżentat fis-17 ta' Mejju 2013 fejn talab li din il-Qorti tħassar id-dikjarazzjoni ta' ħtija u tordna li jiġu reġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni jew, alternattivament, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti fejn tikkonċerna l-piena; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma li ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża, kif ukoll li kien hemm irregolarita` matul il-kawża u interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi, li kellhom influwenza fuq il-verdett.

**6.** L-appellant jirreferi għall-ewwel aggravju tiegħu bħala appell minn digriet tal-ewwel Qorti tat-13 ta' Novembru 2014 li bih eżentat lil Dolores Debono milli tixhed. L-appellant jissottometti:

> "Illi b'rikors tas-6 ta' Novembru 2014, il-parti leza Dolores Debono intavolat rikors fejn spjegat li hija kienet residenti fir-Residenza bl-isem ta' St Catherine's Old People's Home f'H'Attard u li minhabba li tbati minn xi kundizzjonijiet medici, hija ma kinitx tohrog minn din il-Home. Minhabba f'dan hija talbet lil Qorti <u>'tezentaha milli tidher u tixhed quddiemha fil-Bini tal-Qorti ghar-ragunijiet premessi'</u>. Kien imbaghad l-Avukat Generali li fir-Risposta tieghu talab li jigi applikat is-subinciz 646(2) biex Dolores Debono ma tixhidx u minflok tinqara x-xhieda taghha. L-Ewwel Qorti ddekretat ir-rikors billi 'tilqa' t-talba, tezenta lir-rikorrent milli tidher il-Qorti biex tixhed u minflok tinqara d-depozizzjoni taghha ai termini tal-Artikolu 646(2) tal-Kap 9.'
>
> "B'kull rispett, dan id-digriet kien irritwali bi vjolazzjoni tal-istess ligi, sew ghaliex talba valida li tista' tintlaqa' trid tkun kontenuta f'Rikors (u mhux f'Risposta), u r-rikorrenti ma talbitx li tigi ezentata milli tixhed imma li tigi ezentata milli tixhed 'fil-bini tal-Qorti', kif ukoll ghaliex l-Artikolu 646 jippermetti li tinqara xhieda ta' xhud minghajr ma jinstema *viva voce* fil-kaz biss **'jekk x-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta, jew ma jkunx jista' jinsab...'**. Issa f'dan il-kaz kien hemm rikors iehor tat-tabib Dottor Michael

Spiteri li informa lill-Qorti li kien ser ikun imsiefer. Hemmhekk iva, il-ligi tippermetti li x-xhieda tieghu tinqara, pero` fil-kaz ta Dolores Debono 1-ligi ma tippermettix l-ezenzjoni milli tixhed *viva voce*. Se mai kellu jigi applikat 1-Artikolu 647 tal-Kodici Kriminali u Dolores Debono kienet tinstema tixhed fil-Home li tirrisjedi fiha.

"Illi din 1-irregolarita` procedurali mhux biss ippregudikat il-process kollu in kwantu, kif ser jinghad aktar 'il quddiem, l-Imhallef sedenti stieden lill-gurija jiddeciedu l-kaz billi jaghzlu jemmnux lil Jonathan Felice jew lil Dolores Debono, izda ghaliex id-difiza kienet tal-fehma mill-bidu nett li Dolores Debono kienet diga` persuna vulnerabbli dak iz-zmien tal-incident, u li kienet facilment tigi influwenzata mis-suggerimenti li jsirulha minn min ikellimha. Kieku l-gurija inghataw l-opportunita` jevalwaw il-komportament (id-demeanour) u dispozizzjoni ta' din il-persuna, il-gurija kienet certament tkun f'pozizzjoni ahjar tifhem u tassorbi l-pozizzjoni li hadet id-difiza dwar x'wassal li Dolores Debono tibdel il-verzjoni taghha minn allegazzjoni li t-tliet hallelin kellhom wicchom mghotti ghal allegazzjoni li wiehed mit-tlieta kellu wiccu mikxuf u setghet taghrfu."

**7.** Dwar dan l-Avukat Ġenerali jikkontendi li l-appellant ma setax jappella mill-imsemmi digriet. Huwa jgħid:

"Illi fl-ewwel lok l-esponent jirrileva illi fl-umli fehma tieghu r-rikorrent ma ghandux dritt ta' appell minn dan id-digriet interlokutorju sucitat u ghaldaqstant dan 1-appell in kwantu jirrigwarda d-digriet moghti mill-Qorti Kriminali nhar it-13 ta' Novembru 2014 huwa kolpit b'nuqqas ta' bazi legali sabiex jigi propost quddiem din l-Onorabbli Qorti.

"Illi di fatti l-unika disposizjoni fil-ligi nostrana li titratta b'mod specifiku l-appelli minn digrieti interlokutorji huwa l-Artikolu 415 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijiet ta' Malta, liema Artikolu ma huwiex applikabbli ghall-kaz odjern u dan stante li dan l-Artikolu jinsab fis-subtitolu tal-Kodici Kriminali intestat 'Fuq 1-Appelli mis-Sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali'. Illi ghaldaqstant ghandu jkun pacifiku li dan l-Artikolu ma huwiex applikabbli ghal dan l-appell li qieghed isir minn digriet tal-Qorti Kriminali. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***The Republic of Malta v. Nelson Mufa*** moghtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Frar 2013, din il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal sentenza ohra ta' din 1-istess Qorti fl-ismijiet ***Ir-Repubbllika ta' Malta v. Mario Camilleri*** datata 26 ta' April 2012, fejn kien gie ritenut b'referenza ghal dan 1-istess Artikolu li:

"*'Anqas jista' b'xi mod dak 1-artikolu jigi estiz b'analogija ghal appelli lil din il-Qorti minn decizjonijiet tal-Qorti Kriminali tenut kont tal-fatt li d-dispozizzjonijiet relevanti li jirregolaw il-kompetenza ta' din il-Qorti ma jipprovdux ghal tali appell lil din il-Qorti minn decizjonijiet bhal dawk imsemmija fl-artikolu 415 tal-Kodici Kriminali u mhux lecitu li l-Qorti tikkonferixxi dritt ta' appell meta 1-legislatur ma jkunx ta dan id-dritt.'*

"Illi ghaldaqstant in vista tad-dicitura tal-ligi, kif ukoll tenut kont ta' dan l-insenjamanet tal-Qrati nostrana, ghandu jkun pacifiku li ghal dak li jirrigwarda l-appelli minn decizjonijiet tal-Qorti Kriminali huma biss applikabbli d-disposizjonijiet tal-Artikoli 497 sa 515 tal-Kodici Kriminali.

"Illi ai termini tal-Artikolu 499 tal-Kodici Kriminali appell jista' jsir lill-Qorti tal-Appell Kriminali ***'minn kull decizjoni moghtija wara l-qari ta' l-att ta' l-akkuza u qabel ma l-akkuzat iwiegeb jekk hux hati jew le fuq kull wahda mill-eccezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449(1)(a), (b), (c), (d), u (g) u minn kull decizjoni fuq l-eccezzjoni ta' inammissibbilita` ta' provi'.***[1] Illi ghandu jkun pacifiku li d-digriet li minnu qed isir dan l-appell ma jitrattax xi wahda mill-eccezzjonijiet imsemmija fid-disposizjoni hawn fuq citata u lanqas ma jitratta xi decizjoni fuq l-eccezzjoni ta' inammissibbilita` ta' provi. Illi ghaldaqstant lanqas l-Artikolu 499 ma huwa applikabbli ghal dan il-kaz.

"Illi l-esponent jissottometti ukoll illi ai termini tal-Artikolu 500, *'persuna misjuba hatja fuq att ta' akkuza tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali kontra d-dikjarazzjoni ta' htija taghha fil-kazijiet kollha jew kontra s-sentenza moghtija fuq id-dikjarazzjoni ta' htija taghha kemm-il darba s-sentenza ma tkunx wahda iffissata bil-ligi'.* Illi l-esponent jirrileva li l-appellant qieghed jipprevalixxi ruhu minn din id-disposizjoni tal-ligi fit-tieni parti tar-rikors tal-appell tieghu fejn qieghed jappella mill-verdett moghti nhar it-22 ta' Novembru 2014.

"Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponent jissottometti li dik il-parti tal-appell li tittratta d-digriet tal-Qorti Kriminali ta' nhar-it 13 ta' Novembru 2014 li permezz tieghu Dolores Debono giet ezentata milli tixhed, hija legalment insostenibbli. Illi ghaldaqstant l-esponent huwa tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dan l-appell in kwantu jirreferi ghal tali digriet."

**8.** Frankament din il-Qorti ma tixtieqx tintilef f'legaliżmi żejda, peress illi dak li qiegħed jgħid hawn l-appellant huwa li kien hemm irregolarita` fil-proċeduri. Għalhekk din il-Qorti sejra mill-ewwel tintraċċa l-*iter* ta' din il-kwistjoni:

**9.** B'rikors tas-6 ta' Novembru 2014, Dolores Debono, wara li ppremettiet illi "tixtieq tiġi meħlusa milli titla' tixhed u dan minħabba li hija mara anzjana ta' 80 sena u tinsab rikoverata fid-dar tal-anzjani St. Catherine's Old People Home, Ħ'Attard u tbati minn diversi kundizzjonijiet mediċi ... li jimpeduha milli toħroġ mid-Dar tal-Anzjani u tiġi tixhed", talbet lill-Qorti Kriminali li tiġi eżentata "milli tidher u tixhed quddiemha fil-Bini tal-Qorti". Hija esebiet ċertifikat mediku li kien jindika li hija tbati minn "congestive heart failure and pulmonary/lung fibrosis on various medication and on oxygen cylinder treatment" u li "she is unable to attend law courts in view of her deteriorating medical condition and has been in and out of hospital frequently."

[1] Enfasi tal-esponent

**10.** L-Avukat Ġenerali wieġeb li peress li Dolores Debono kellha 89 sena (u mhux 80 kif indikat fir-rikors promotur), kif ukoll tenut kont l-istat ta' saħħa tagħha – kemm fiżiku kif ukoll mentali – pjuttost kritiku, kif indikat mit-tabib kuranti tagħha, huwa ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba tar-rikorrenti. L-Avukat Ġenerali inoltre talab li l-ewwel Qorti, ai termini ta' l-artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali, tiskuża lil Dolores Debono milli tagħti d-depożizzjoni tagħha *viva voce* u minflok tinqara x-xiehda tagħha li kienet tat fl-istadju ta' l-Inkjesta Maġisterjali.

**11.** Da parti tiegħu l-appellant (allura akkużat) wieġeb hekk:

> "Illi l-esponent iġib għall-attenzjoni tal-Qorti li d-depożizzjoni ta' Dolores Debono fl-istadju tal-Inkjesta naturalment ma saritx fil-preżenza tal-esponent u meta hija xehdet quddiem il-Qorti Istruttorja **fi tmiem ix-xiehda tagħha ġie riżervat il-kontro-eżami**.
>
> "Illi l-esponent kellu u għad għandu kull interess li jagħmel il-kontro-eżami lil din ix-xhud, partikolarment għaliex l-ewwel deskrizzjoni mogħtija mill-istess Dolores Debono tal-persuna li allegatament attakkatha ma taqbilx mal-apparenza tal-esponent.
>
> "Illi l-esponent jifhem li Dolores Debono għandha d-diffikultajiet spjegati mit-tabib kuranti tagħha, u li jekk tinġieb il-Qorti dan jista' jkun ta' preġudizzju għal saħħitha, kif din l-Onorabbli Qorti ċertament tapprezza li n-nuqqas ta' depożizzjoni ta' din ix-xhud ser ikun ta' preġudizzju għad-difiża ta' l-esponent.
>
> "Illi għalhekk, filwaqt li l-esponent għandu kull interess li Dolores Debono tiġi kontro-eżaminata, **huwa jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti biex tevalwa u tiddeċiedi skond il-preġudizzju li jista' jiġi soffert minn Dolores Debono u l-preġudizzju li jista' jiġi soffert mill-esponent**" (enfażi ta' din il-Qorti).

**12.** Il-Qorti Kriminali finalment tat dan id-digriet:

> **"Il-Qorti:**
>
> **"Rat ir-rikors;**
>
> **"Rat ir-risposti;**
>
> **"Stante l-istat ta' saħħa prekarja tar-rikorrent, tilqa' t-talba, teżenta lir-rikorrent milli tidher il-Qorti biex tixhed u minflok tinqara d-depożizzjoni tagħha ai termini ta' l-art. 646(2) tal-Kap. 9."**

**13.** Issa, l-artikolu 646(2) jipprovdi li xhud għandu jiġi eżaminat *viva voce* **"ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista jinsab."** Evidentement Dolores Debono kienet ħajja u kienet tinsab f'Dar ta' l-

Anzjani iżda b'diversi problemi mediċi li minħabba fihom ma setgħetx tinġieb il-Qorti biex tixhed. Ħadd, wisq anqas id-difiża, ma dehrlu li kellu jsir dak kontemplat fl-artikolu 647 tal-Kodiċi Kriminali.[2] Anzi fir-risposta tiegħu l-appellant ħalla kompletament f'idejn il-Qorti. Huwa biss fl-istadju ta' appell li l-appellant irrefera għall-imsemmi artikolu 647. Għalhekk, in vista tal-fatt li l-appellant kien ħalla f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi kif jidhrilha opportun wara li tagħmel l-evalwazzjoni tagħha l-istess Qorti ma tistax issa tiġi ċensurata talli tenut kont tal-istat ta' saħħa tax-xhud eżentatha milli tidher il-Qorti u awtoriżżat li tinqara d-depożizzjoni tagħha kif mitlub mill-Avukat Ġenerali.

**14.** Imbagħad, jirriżulta illi waqt is-smiegħ tal-ġuri, għal kull talba tal-prosekuzzjoni sabiex tesebixxi x-xiehda ta' Dolores Debono – dik quddiem l-espert tekniku, dik quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, u dik quddiem il-Qorti Istruttorja – id-difiża ma opponietx u lanqas ma rriservat b'xi mod il-pożizzjoni tagħha. Waqt l-arringa, l-abbli difensur ta' l-appellant irrefera diversi drabi għax-xiehda ta' Dolores Debono u saħansitra qara siltiet minnha. Irrefera għall-fatt li ma saritx kontro-eżami lil Dolores Debono, iżda bil-mod segwenti:

> "... ghal seba' snin il-pulizija, il-Prosekuzzjoni setghet tirrikorri fejn trid biex iġġib xi haġa ohra aktar soda biex tikkonvincina li Jonathan Felice kien wiehed minn dawk it-tlieta. Pero' fejn konna tmien snin ilu bqajna llum. Anzi eżatt kif konna tmien snin ilu ghaliex sfortunatament, jien ghalija sfortunatament Dolores Debono ma kinitx illum il-ġurnata f'kundizzjoni li tiġi hawn, dak iz-żmien kif stajtu tisemghu xehdet hi, il-kontro eżami gie riżervat. Jigifieri min kien l-avukat ta' Jonathan Felice dak iz-zmien ma kienx ghamel mistoqsijiet dakinhar, dakinhar hadd ma jkun jaf kemm ha jiehu żmien il- kaz, seta' ha sena, seta' ha tnejn, seta' ha tlieta, hadd ma kien jaf li ha jghaddu tmien snin, hadd ma kien jaf x'kundizzjoni kienet ser tkun Dolores Debono, sfortunatament jiena sirt naf li Dolores Debono ma tistax tixhed proprju gimaghtejn ilu ghax sar rikors minn naha taghha li possibbilment tiġi awtorizzata li ma tiġix hawn, jien li kelli f'mohhi hafna mistoqsijiet li xtaqt insaqsi llum il-ġurnata ma nistax insaqsihom. U nimmaġina li anka intom jaf ghandkom mistoqsijiet illi forsi kieku qeghda hawnhekk kontu tkunu tixtiequ li ssaqsuha u taraw il-kundizzjoni taghha.
>
> "Naqbel ukoll illi l-kundizzjoni taghha llum ma tfissirx illi dik kienet il-kundizzjoni taghha tmien snin ilu, imma l-mistoqsijiet ikunu hemm u sfortunatament issa li gara tmien snin ilu jkollna noqoghdu."

**15.** Din il-Qorti tosserva wkoll li meta d-difiża kellha l-opportunita` tagħmel il-kontro-eżami tax-xhud, id-difiża għażlet li ma tagħmilx tali kontro-eżami minkejja l-eta` avvanzata tagħha, u għalhekk il-fatt li ma għamlitx dak li kellha kull opportunita` tagħmel *imputet sibi*.

[2] "647(1) Jekk ikun meħtieġ li tinstema' x-xiehda ta' xi persuna li minħabba l-mard jew ix-xjuħija tagħha ma tkunx tista' tidher ilqorti, dik il-persuna għandha tinstema' mill-qorti, jew jekk il-qorti hekk tordna, minn membru tal-qorti, fil-post fejn toqgħod ..."

**16.** F’dawn iċ-ċirkostanzi dan l-ewwel l-aggravju ta’ l-appellant huwa miċħud.

**17.** Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tittratta l-aggravju dwar irregolarita` matul il-kawża, u interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi li kellhom influwenza fuq il-verdett. L-appellant jissottometti:

> “(i) Illi fl-indirizz tieghu, l-Imhallef sedenti ghandu 1-fakolta` li fid-diskrezzjoni tieghu jghaddi l-kummenti dwar xhieda li giet prodotta sabiex jissottolinea xi fatt li hareg jew li naqas li johrog mix-xhieda ta’ xi xhud partikolari. L-imhallfin tal-fatti huma l-gurati u l-kummenti tal-Imhallef Sedenti jistghu jaslu biss ghal biex jghinu lill-gurati jiffukaw ahjar fuq xi bicca evidenza li tkun ingiebet quddiemhom. Pero` finalment huma l-gurati li ghandhom il-fakolta` jiddeciedu li jemmnu jew ma jemmnux it-testimonjanza li tkun inghatat quddiemhom. Sfortunatament, fil-waqt li fil-kontro-replika taghha d-difiza zammet leali ma dak li temmen li gara u bniet il-maggior parti tal-argomenti taghha fuq il-fatt li Dolores Debono stqarret mal-Espert Forensiku Dottor Mario Scerri li t-tliet persuni li dahlulha fid-dar it-tlieta kellhom wicchom mghotti, l-Imhallef Sedenti fl-indirizz tieghu immina ghal kollox it-testimonjanza ta’ Dottor Mario Scerri, bil-konsegwenza li xejjen indebitament l-argument principali tad-difiza.
>
> “Per paragun, dak li llum huwa supretendent Carmelo Bartolo ha zbalji grossolani fix-xhieda tieghu, bl-ikbar wiehed ikun li jghid li fil-jum tal-incident huwa mar fuq il-post, ezattament id-dar ta Dolores Debono, u minhabba l-griehi li ralha hadha l-Poliklinika, qaghad maghha sakemm giet invistata imbaghad hadha lura d-dar; mentri irrizulta mix-xhieda kollha, inkluz it-tabib tal-Poliklinika li invistaha u l-ispettur Marisa Camilleri li kienet il-hin kollu prezenti, li Dolores Debono ma nhargitx mid-dar dakinhar, imma kien it-tabib tal-poliklinika li mar id-dar taghha u invistaha hemmhekk. Dwar dan l-Imhallef Sedenti fl-indirizz tieghu ftit li xejn ikkummenta. Mentri meta l-Imhallef Sedenti gie biex jikkummenta fuq ix-xhieda tal-espert Forensiku Dr Mario Scerri, huwa qal – ghal darba, darbtejn, tliet darbiet – li ma hassux komdu bix-xhieda ta’ Dr Mario Scerri, u t-ton li bih intqal dan id-diskors kellu jwassal lill-gurati ghal li jiskartaw ghal kollox ix-xhieda ta’ Dr Mario Scerri. Jista’ jaghti l-kaz li din l-enfasi tal-Imhallef Sedenti li ma hassux komdu bix-xhieda ta’ Dr Mario Scerri tant kienet qawwija li kienet ir-raguni ghaliex il-gurija ma sabitx htija taht it-Tieni Kap tal-Att ta’ Akkuza tal-ferita gravi li tkellem fuqha Dr Mario Sceni: proprju ghax il-gurija skartat ghal kollox ix-xhieda ta’ Dr Mario Scerri. In rigward ta’ dan ix-xhud, l-Imhallef Sedenti jidhol fil-kuncett tal-*hearsay* u jghid li l-ligi tippermetti biss lill-pulizija tirrapporta xi jkun qal haddiehor: ‘dik naccettawha’, imma ma tippermettix il-*hearsay* minghand hadd izjed, anqas. Din certament mhix il-pozizzjoni korretta tal-ligi in kwantu l-ligi ma taghmel ebda distinzjoni bejn *hearsay* minghand il-pulizija u *hearsay* minghand xi hadd iehor, Pero` b’dan il-gurija giet misdiretta taccetta l-hearsay tal-ispetturi involuti bhala prova accettabbli, u tirrespingi l-*hearsay* ta’ Dr Mario Scerri bhala prova rnhux accettabbli. Se mai hawnhekk il-Qorti kienet tenuta tispjega li fil-*hearsay* ghandna prova li intqal dak il-kliem, u dak kien ikun bizzejjed – pero` dan ma qalitux, bi pregudizzju insanabbli ghat-tezi principali tad-difiza. Kien propjru dak biss li kellha bzonn id-difiza: li turi li Dolores Debono tat verzjonijiet diversi dakinhar, u mhux li wiehed mill-malviventi kien liebes balaclava. Kuntrarju ghal

dak li dderigiet il-Qorti lill-gurati, hemm prova ammissibbli li Dolores Debono lil Dottor Mario Sceni qaltlu haga u lill-pulizija qaltilhom haga ohra. Dan kien ikun bizzejjed biex juri l-istat li kienet flh Dolores Debono.

Issa jekk Dr Mario Scerri dakinhar beda jiehu notament ta' dak li qaltlu Dolores Debono, u fost affarijiet ohra qaltlu li t-tliet hallelin kellhom wicchom mghotti, u din kitibha, ma hux konsentit li kwazi jigi suggerit li tali xhieda ta' Dr Mario Scerri mghandhiex tigi emmnuta. La s-supretendent Bartolo u l-anqas l-ispettur Zammit ma gew nominati mill-Qorti inkwerenti biex jiehdu x-xhieda ta' Dolores Debono, pero` l-Qorti ma qalitx li ma kinitx komda bit-testimonjanza taghhom meta qalu li semghu lil Dolores Debono tghid li wiehed mill-malviventi kellu wiccu mikxuf u jekk tarah taghrfu; anzi qalet li *hearsay* minn ghand il-pulizija huwa accettat! Issa la s-supretendent Bartolo u l-anqas l-ispettur Zammit ma hadu notamenti ta' x'qalet Dolores Debono, imma l-kumment triplu tal-Qorti certament wassal biex il-gurija 'ikunu iktar komdi' jiskartaw kompletament dak li qal l-Espert Dottor Mario Scerri sal-punt li issa Dolores Debono giet tidher li tat verzjoni wahda dejjem konsistenti. Il-gurija tkun qed tistenna li l-Imhallef Sedenti itiha l-metodu ta' kif tevalwa l-fatti, pero` x'jiswa li nghidu li l-gurati huma l-imhallfin tal-fatti jekk f'kunflitt daqshekk krucjali tal-fatti l-Imhallef Sedenti kwazi jghidilhom biex fatt daqstant krucjali iqisuh daqslikieku ma ntqalx?

"(ii) Illi mill-gdid, fl-indirizz tieghu l-Imhallef Sedenti lejn l-ahhar tal-indirizz tieghu, jistieden lill-gurati jissimplifikaw l-ezercizzju li kellhom jaghmlu, u jghidilhom li minkejja d-diversi xhieda li instemghu, fl-ahhar mill-ahhar id-decizjoni finali ser tirrivolvi madwar 1-ghazla jekk jaghzlux li jemmnu lil Dolores Debono jew inkella lil Jonathan Felice. Hu u jghid dan id-diskors, l-Imhallef Sedenti pogga idejh forma ta' mizien u wera lill-gurati li dawn huma zewg pizijiet go keffa wahda, u tali keffa jew ser ixxaqieb '1 hawn jew ixxaqleb '1 hemm. Ghall-precizjoni l-Qorti tghid:

"*'Naraw issa kif l-akkuzat jinkwadra f'din li ghadkom kemm rajtu. Lil min ser nemmnu: lill-akkuzat fuq bazi ta' probabilta` jew lil Dolores Debono fuq il-bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni?*

*'Tghiduli hemm konflitt, kif se niddeciedi. Sinjuri, mhux kull konflftt bil-fors irid iwassal ghall-liberatorja tal-persuna. Mhux ghax ghandek konflitt tghid "mela ghandi d-dubju u 1' dan nilliberah"! Imma intom tridu tezaminaw ix-xhieda f'dak li jiggwida, b'dawk il-kriterji li l-ligi stess tghidilna, u taslu intom bil-buon sens u bl-gherf lil min ser temmnu – lil min ma temmnux – u fiex ser temmnu. Ghax intom tistghu temmnu parti minn xhieda u ma temmnux parti minn xhieda ohra. Hawnhekk din f'idejkom u f'idejkom biss Sinjuri.*

*Really – really – it all boils down lil min ser temmnu: jew lil wahda jew lill-iehor, u din f'idejkom...'*

"Fl-ewwel lok dan certament ma kienx ix-xenarju komplut, ghaliex dan huwa xenarju li jikkontempla sitwazzjoni fejn bil-fors xi hadd qieghed jigdeb, u allura l-gurati iridu jahsbu dwar min minn dawn it-tnejn x'aktarx kien qed jigdeb, mentri fil-verita` jekk is-sinjura Debono rat lil xi hadd jixbah lil Jonathan Felice, jew ma rat ebda wicc imma ifformolat dik l-impressjoni, jigi li hadd minn dawn

it-tnejn ma gideb, imma xorta Jonathan Felice kien innocenti. F'dan l-istadju finali tal-indirizz il-Qorti ma tghid assolutament xejn dwar il-possibilita` ta' xenarju alternattiv fejn la Jonathan Felice u l-anqas Dolores Debono ma kienu qed jigdbu.

"Illi aghar minn hekk huwa l-fatt li l-Qorti, hija u tghid dan id-diskors, ghamlet il-mossa li turi forma ta' mizien fejn b'hekk gie indikat li l-kwistjoni tal-htija o meno bhal qeghda go mizien li jew ser ixaqleb naha (u allura Jonathan Felice ma jinstabx hati) jew ixaqleb in-naha l-ohra (fejn Jonathan Felice jinstab hati). Ghalkemm il-Qorti tghid brevement li Jonathan Felice jista' jitwemmen fuq bazi ta' probabilta` u li Dolores Debono tista' titwemmen fuq bazi ta' minghajr dubju, id-diskors u l-mossi xorta wasslu ghal xenarju fejn ghandek biss zewg ghazliet fuq keffa, u jew il-keffa xxaqleb naha, jew ixxaqleb naha ohra. F'dan l-istadju finali tal-indirizz, mhux talli l-Qorti ma qalitx li jekk tali konflitt ta' verzjonijiet ihalli dubju, tali dubju jrid imur favur l-akkuzat li ghalhekk ikun irid jigi liberat, talli ghall-kuntrarju wissiet lill-gurati li mhux kull konflitt ta' provi ghandu jwassal ghal biex l-akkuzat jigi liberat. Jidher li l-gurija verament strahet fuq dan l-ezercizzju simplistiku, kwantu f'madwar saghtejn kienet diga` waslet ghall-verdett taghha fuq it-tliet kapi ta' Akkuza.

**18.** Dwar il-kummenti ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri rigward ix-xiehda li ta Dr Mario Scerri, dawn il-kummenti kienu jikkonsistu fis-segwenti:

"Qamet kontroversja pero` dwar ix-xiehda li huwa ha ta' Dolores Debono peress illi hu niżżel illi Debono qaltlu li wiehed minnhom kellu balaclava. U d-Difiza ġabet dan bhala ezempju ta' nuqqas ta' konsistenza tax-xiehda li tat Dolores Debono, fejn qabel qalet illi wiehed minnhom kien wiċċu mikxuf u f'ċirkostanzi ohra qalet li kien wiċċu mikxuf, mentri f'dan il-kaz qed jghidilna t-tabib Scerri li qaltlu li kellu balaclava. X' importanza nistghu naghtu ghal dan?

"Jiena m'inhix daqshekk komdu b'din ix-xiehda. Dana 'il ghaliex intom tistghu toqoghdu fuq it-tabib Mario Scerri fuq dak li qed jikkonkludi fil-mansjoni teknika tieghu bhala persuna mediko legali bhala tabib. Din fejn qed iniżżel ix-xiehda ma huwiex qed jaghmilha bhala tabib, dik haġa ohra. U qalilna wkoll illi Dolores Debono qaltlu xi haġa fis-sens illi kien hemm wiehed li kien differenti mill-ohrajn *and he led her on to come to the conclusion* li kienet balaclava.

"Jiena ma inhix komdu b'dik ghax hawnhekk ghandek persuna li dahal f'kompitu li huwa ma kienx awtorizzat li jidhol u qed jaghti ċerta konklużjoni li ma huwiex fil- mansjoni tieghu li jaghti. Hu l-kompitu tieghu, vera li trid tniżżel xi haġa biex inti tkun taf l-oriġini ta' din il-ferita x'kienet, trid taghmilha, *I mean* dik hija aċċettabbli. Pero` *leading on somebody to come to a conclusion* hemmhekk qed immorru daqsxejn oltre. Ghal dak illi huwa l-konkluzjonijiet tieghu mediċi ma hemmx kwistjonijiet, tridu toqoghdu fuqhom. Hawnhekk jiena qed inġib din l-osservazzjoni."

**19.** Mela, l-ewwelnett l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kkummenta li ma kienx komdu b'dik il-parti tar-rapport ta' Dr Mario Scerri fejn jgħid li Dolores Debono qaltlu li wieħed mill-malviventi kellu balaclava. Fl-ebda mument ma

qal li ma kienx komdu bil-konklużjonijiet mediċi. Jiġifieri kienet xi raġuni oħra li wasslet lill-ġurati ma jsibux ħtija fl-akkużi li ġiet kawżata lil Dolores Debono offiża ta' natura gravi. Din il-Qorti, wara li eżaminat ix-xiehda li kien ta Dr Mario Scerri, issib li taqbel ma' l-osservazzjoni ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri li ma kienx komdu ma' dik il-parti tar-rapport. Fil-fatt, filwaqt li waqt l-eżami u l-kontro-eżami Dr Scerri stqarr li Dolores Debono qaltlu li wieħed mill-malviventi kien liebes balaclava, fuq mistoqsijiet tal-Qorti qal hekk:

> "Qorti: Tabib ara, fuq din ta' page 3, Debono allegat ma' l- esponent illi din ġiet attakkata minn tliet irġiel li tnejn minnhom kellhom maskri u t-tielet wiehed x' aktax kellu balaclava. Dik il-kelma balaclava inti uzajtha?
> Xhud: Dik probabbilment uzajtha jiena ghax l- anzjana ma tafx li hija balaclava. Li setghet indikat illi ma kienux kollha identiċi, ghidtilha bhal balaclava hekk? U tghidlek iva. Imma l- kelma balaclava mhux hi użatha.
> Qorti: Mhux hi użatha.
> Xhud: Le u lanqas nistenniha li taf x'inhi balaclava dik l- eta'.
> Qorti: Uzat il-kelma x' aktarx.
> Xhud: Ehe, li huma differenti. Ghamlet distinzjoni in her own way bejn xi maskra u balaclava. Meta ghadt nispjegalha jiena per ezempju balaclava kif inhi, iva iva, jigifieri riedet tirreferi ghal balaclava. U nippretendi li din l-eta' anzjana, ahna ġieli naraw hold up fuq anzjani, ma jkunux jafu x' inhi balaclava. Imma waslet by elimination illi dan kellu xi haġa differenti mill-ohrajn, allura wasalna ghal konklużjoni li, il-probabilita' umbaghad ghax hi taf eżatt x' rat, imma li kienet differenti u li kienet qisha tixbah balaclava, bhal xi haġa li tidhol fir-ras, bhal stocking, xi haġa hekk. Wasalna ghal konklużjoni li probabbilment hija balaclava. Imma l-kelma balaclava lanqas nipretendiha li ssemmihieli mara anzjana."

**20.** Issa, fl-indirizz l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri mar oltre u qal ukoll li ma kienx komdu lanqas b'dak li kien niżżel Dr Scerri dwar x'kienet qaltlu Dolores Debono għax dak kien *hearsay* u ma kkonfermatux meta xehdet fil-kumpilazzjoni. Fl-indirizz qal hekk:

> "Umbaghad ghandna l-*hearsay*. Il-*hearsay* hija dik ix-xiehda li ahna nisemghu minghand haddiehor fuq xi haġa li dan il- haddiehor ikun sema' minghand xi hadd, il-*detto del detto*. Din ma hijiex aċċettabbli fil-ligi taghna bhala prova. Kemm-il darba ahna nisimghu lil xi hadd jghidilna isma' taf xi smajt minghand it-tali? Illi t-tali gara hekk hekk u hekk, u naslu ghal konklużjonijiet taghna. Kemm naghmlu hsara jahasra. Kemm naghmlu hsara meta ahna noqoghdu niehdu bhala vanġelu dak illi jghidilna xi hadd fuq haddiehor illi jkun sema' minghand haddiehor.
>
> "F'dan il-kaz ghandna *hearsay* li hija aċċettabbli sa ċertu punt. Meta l-pulizija per ezempju jitilghu jixhdu u jghidulna dwar l-investigazzjonijiet taghhom qed jghidulna x' semghu minghand haddiehor, dik naċċettawha. Dik naċċettawha. Meta l-pulizija jiġu jghidulna kellna nformazzjoni ma nistghux nissindikawha dik, il-pulizija huma protetti hemmhekk. Ma nistghux ahna ninsistu ma 'l-ispettur biex jghidilna din is- sors ta' l-informazzjoni x' kienet. Dik hija hear say

imma hija aċċettabbli. Imma minghand ix-xhud le, ma hijiex aċċettabbli minghand xhud, jekk dik il- persuna ma tiġix hawnhekk u tikkonferma dak illi tkun qalet.

"Ghalhekk ukoll jiena ghandi dak id- dubju fuq dak li niżżel it-tabib Scerri ghax hu qed jirrakkonta x' qaltlu Debono, u Debono meta ġiet tixhed, mhux hawn imma fil- kumpilazzjoni, ma kkonfermatx dak illi qal hu, qalet xi haġa differenti. Ghalhekk jien ma inix daqshekk komdu biha din il- biċċa xoghol ta' Mario Scerri hemmhekk f' dak il- bran."

**21.** L-ispjegazzjoni hawn mogħtija tal-*hearsay* mhijiex preċiża. L-ewwelnett, sija jekk qiegħed jixhed pulizija sija jekk qed tixhed persuna ordinarja, xhieda li hija *hearsay* tibqa' *hearsay*. Dak li kellu jiġi spjegat lill-ġurati hu li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanzi oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.'[3] Probabilment dak li ried jgħid l-Imħallef kien li in kwantu parti mir-*res gestae* dak rappurtat ikun accettabbli izda dan purche` jigi spjegat li hu prova biss ta' dak li ntqal u mhux prova tal-kontenut tieghu kif spjegat hawn.

**22.** Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2012 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi** mbaghad din il-Qorti kienet ikkummentat hekk:

**"18. … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.**

**19. Hekk, jekk tiġi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veridiċita` ta' xhud, speċjalment jekk dak ix-xhud ikun persuna minuri, il-prosekuzzjoni ma**

[3] Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**, 1 ta' April 2011 per S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri.

**tistax legalment tiġi mċaħħda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, inkluż it-tip ta' xiehda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala' xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qiegħed jiftakar sew dak li jkun qiegħed jixhed dwaru jista' jkun meħtieġ li jiġi eżerċitat kontroll ta' dik ix-xiehda bil-mezz tax-xiehda ta' ħaddieħor dwar dak li jkun qallu l-istess xhud fiż-żmien relevanti. F'dawn l-eventwalitajiet, kif ingħad mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ikun mistenni li l-ewwel Qorti tispjega lill-ġurija l-portata u l-limiti tal-valur tax-xiehda ta' persuna li tixhed dwar x'qal ħaddieħor. Naturalment, hu ugwalment mistenni li l-ewwel Qorti ma tammettix ix-xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk mhux unikament għall-għanijiet u fil-limiti permessi mil-liġi kif gia` spjegat...."**

**23.** Jekk l-imsemmi nuqqas fl-ispjegazzjoni tal-*hearsay rule* wassalx għal amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja irid jiġi determinat wara evalwazzjoni sħiħa tal-provi.

**24.** Kwantu għall-ilment ta' l-appellant li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri stieden lill-ġurati jissimplifikaw l-eżerċizzju li kellhom jagħmlu, u qallhom li minkejja d-diversi xhieda li instemgħu, fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni finali kienet ser tirrivolvi madwar l-għażla tagħhom jekk jemmnux lil Dolores Debono jew inkella lil Jonathan Felice, dak li ntqal kien preċiżament hekk[4]:

"Darba naslu ghal dawk inwarrbuhom ghal ftit u niġu naraw issa kif l-akkużat jinkwadra f'din illi ghadkom kemm rajtu. Lil min ser temmnu? Lil akkużat fuq bażi ta' probabilita` jew lil Dolores Debono fuq il-bażi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni?

"Tghiduli hemm konflitt, hemm konflitt, kif ser niddeciedi? Sinjuri mhux kull konflitt bilfors irid iwassal ghal liberatorja tal-persuna, mhux ghax ghandek konflitt tghid mela ghandi d-dubju u dan illiberah. Imma intom tridu tezaminaw ix-xiehda f'dawk il-linji gwida, b'dawk il-kriterji li l-liġi stess tghidilna, u taslu intom bil-buon sens u bl-gherf lil min ser temmnu, lil min ma temmnux u f'hiex ser temmnu. Ghax intom tistghu temmnu parti minn xiehda u tistghu ma temmnux parti minn xiehda ohra.

Hawnhekk din f'idejkom u f'idejkom biss Sinjuri. Jiena b'dan ir-road map qed intihulkom biex meta intom tigu biex tiddeliberaw ma jkollkomx hafna informazzjoni f'daqqa, imma tkunu skematici u tiddeċiedu pass pass, haġa haġa. L-ewwel l-aspett legali, indipendentement mill-operat ta' l-akkużat, jekk dan l-aspett legali jinkwadrax f'din ix-xena tad-delitt, umbaghad araw jekk l-akkużat huwiex responsabbli ghal dan ir-reat fit-termini ta' dak li tkunu diga` ddecidejtu.

"*Really, really it all boils down* lil min ser temmnu – jew lil wahda jew lil iehor. U din f'idejkom. Id-Difiza qeghda tghidilna li l-provi tal-Prosekuzzjoni, ix-xiehda ta' Debono ma hijiex tali soda li intom tistghu fil-kuxjenza taghkom taslu ghal din il-konklużjoni li kien l-akkużat. U taghtkom ir-ragunijiet ghal x'hiex.

[4] Traskrizzjoni ta' l-indirizz paġni 265 – 266.

> Mentri l-Prosekuzzjoni qeghda tghidilkom illi hemm raġunijiet biżżejjed. Hemm. Vera illi ma ghandkomx il-bicciet kollha ta' din il-jig saw puzzle, vera, tirrikonoxxi, pero` hemm biżżejjed biex intom taraw din it-teżi tal-Prosekuzzjoni. F'idejkom Sinjuri biex taqbdu dawn iz-żewġ verżjonijiet, tanalizzawhom, taraw il-korroborazzjoni, taraw il-konsistenza, taraw jekk hijiex veritiera, jekk humiex verżjonijiet illi jinkwadraw skont ic-ċirkostanzi ta' dan il-kaz, jekk hemmx xi motiv ghaliex persuna xehdet mod u persuna xehdet mod iehor u taslu ghal konklużjoni taghkom. *All right*? Din f'idejkom, intom biss tistghu taslu ghaliha. Umbaghad aghzlu wahda minn dawn."

**25.** L-ewwelnett l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi: **"B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."** U kif ġie ben stabbilit mill-Qrati tagħna, mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. F'każ ta' konflitt fil-provi, il-ġurati jridu jevalwaw il-provi u jaslu għall-konklużjoni dwar lil min ser jemmnu u f'hiex ser jemmnu jew ma jemmnux xhud. Jiġifieri l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien qiegħed jindirizza lill-ġurati f'tali sens. Forsi seta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri aċċenna mill-ġdid għall-prinċipju li dubju ragjonevoli jmur favur l-akkużat. Fil-fatt aktar qabel fl-indirizz kien spjegalhom[5]:

> "Id-dubju jmur favur l-akkużat, ir-raba' prinċipju. X'inhu dan? Illi jekk intom ara li tkunu mmaturajtu dan il-kaz, użajtu l-gherf u l-esperjenza taghkom, jidhrilkom illi xorta intom ma intomx qeghdin taraw dak illi ppostulat, dak illi preżentat il- Prosekuzzjoni w ghandkom dubju, id-dubju mhux id-dubju tal-persuna li ma jridx jiddeċiedi, dak li jitfa' kollox *put away* halli jiddeċiedi haddiehor, mhux dak id-dubju. Jew tivvintaw id-dubju ghal ta' apposta biex ma tiddecidux. Id-dubju huwa d-dubju li intom taslu ghalih wara li tkunu argumentajtu u rragunajtu w użajtu l-gherf u l-buon sens taghkom, illi xorta wara kollox intom qed taraw lakuna, qed taraw toqba kbira f'dawn il-provi, illi minhabba fiha intom ma tistghux taslu ghal dak il-konvinciment morali li qed titlob minghandkom il-liġi. Allura f'dan il-kaz iva tkunu ġustifikati li intom tghidu li hemm dubju, ghandna dubju ragjonevoli, ghandna dubju mmaturat, dan irid imur favur l-akkużat. U allura tohorgu bil-liberatorja, mhux hati."

**26.** In-nuqqas li jagħmel dan, pero`, ma jikkostitwixxix irregolarita` jew interpretazzioni u applikazzioni żbaljata tal-liġi. Inoltre tfakkar li din il-Qorti **"does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections**

[5] Traskrizzjoni ta' l-indirizz paġni 248 – 249.

**to matters which may have led to a miscarriage of justice”.**[6] U: **“The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case .... A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case.”**[7]

**27.** Ghaldaqstant dan l-ilment huwa respint.

**28.** Aggravju ieħor ta’ l-appellant hu li nstab ħati ħażin fuq il-fatti. L-appellant jgħid:

> “Illi hawnhekk ghandna kaz fejn l-unika prova li ngiebet kontra l-esponent kienet l-identifikazzjoni ta’ Dolores Debono li dak iz-zmien kellha wiehed u tmenin (81) sena, u li kif inghad spiccat qatt ma telghet tixhed quddiem il-gurija. Ma hemm xejn hazin li htija ta’ persuna tkun ibbazata fuq prova wahda, dment li dik il-prova tkun soda u inkonfutabbli, pero` hawnhekk ghandna kaz fejn wiehed kien jistenna li din il-prova tigi korroborata tal-inqas b’xi prova cirkostanzjali, imma ma kienx il-kaz. Qed jinghad li Dolores Debono tat deskrizzjoni tal-hwejjeg li kien liebes l-aggressur taghha, inkluza *baseball-cap* bhal tas-sur John Sacco: saret tfittxija fid-dar ta’ Jonathan Debono [*recte:* Felice], u mhux biss ma nstab xejn minn dawn il-hwejjeg talli anqas xi haga simili ma nstabet. Jonathan Debono [*recte:* Felice] ittehidlu l-mobile mill-ispetturi u dawn hadu minnu li riedu; illum permezz tal-mobile tkun taf mhux biss lil min cempilt min cempillek u fi x’hin, imma anke fejn kont u fi x’hin. L-unika informazzjoni li ghandna minn ghand l-ispettur Daniel Zammit, li bhala fatt qatt ma ritorna l-mobile lill-esponenti, hija li ebda informazzjoni li setghet tingieb permezz ta’ dan il-mobile ma ghenet biex tissahhah it-tezi tal-prosekuzzjoni li Jonathan Felice kien involut fis-serqa tentata. Fuq Dolores Debono gew kagjonati grif u hrug ta’ demm, fattur li seta’ ghen lill-investigaturi isibu evidenza xjentifika taht id-dwiefer tal-esponent, kieku huwa kien verament involut, izda xejn minn dan. Anqas ma nstabu finger-prints li juru l-prezenza tal-esponent fid-dar ta’ Dolores Debono.
>
> “Illi fil-mankanza ta’ xi marka distintiva, bhal nghidu ahna xi *tattoo*, jew xi gerha fil-wicc, jew xi fattizzi rari tal-wicc, kif setghet qatt Dolores Debono tidentifika l-aggressur taghha b’dik ic-certezza lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni? Kien ikun hemm dubju ragonevoli anke kieku qed nitkellmu dwar persuna mhux fi stat ta xokk qawwi; u di piu` kien ikun hemm dubbju ragjonevoli ukoll anke kieku qed nitkellmu dwar persuna ghadha zghira fl-aqwa ta’ sahhitha; ahseb u ara kemm setghet anzjana ta’ 81 b’xokk enormi fuqha tidentifika l-aggressur taghha li ma kellu ebda *feature* partikolari li jiddistingwih minn nies l-ohra kollha li qatt rat b’ghajnejha l-vittma. Bizzejjed wiehed jaghmel referenza ghax-xhud in difeza

[6] Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2003**, para. 7-53 p. 936).
[7] Lord Hailsham, L.C. f’*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (**Archbold**, *op. cit.*, para. 4-368, p. 460).

Paul D’Amato, anzjan ta’ 71 sena, li kien joqghod fi-istess Triq ta’ Dolores Debono, Victory Street, Qormi, li meta mistoqsi l-isem tat-triq li kien jghix fiha huwa ma setax jiftakar x’isimha, imbaghad b’diffikulta` ftakar fl-ahhar nett.

“Illi 1-esponent seta’ facilment bena d-difiza tieghu fuq il-fatt li huwa ma kienx fuq il-post fil-jum tal-incident, u se mai l-aggressur kien persuna li bejn wiehed u iehor ben jixbhu. Qed jinghad bejn wiehed u iehor ghaliex l-ewwel deskrizzjoni li tat l-anzjana kienet li l-aggressur kellu madwar 30 sena, irqieq u ismar. L-esponent huwa rqiq imma kellu kwazi nofs dik 1-eta` u huwa bajdani. Pero` d-difiza zammet leali ma’ dak li temmen li gara, u cioe` li s-sinjura Debono, fid-debbulizza taghha, facilment timxi mas-suggerimenti li jsirulha u l-identifikazzjoni taghha kienet mibnija fuq sthajjil, aktar milli kienet mibnija fuq is-sahha tal-memorja.

“Illi hawnhekk huwa doveruz li jissemma kif ftit tal-hin wara l-incident Dolores Debono qalet lil Dr Mario Scerri li t-tliet aggressuri kollha kellhom wicchom mghotti, u huwa nizzel dan bil-miktub dak il-hin stess. Imbaghad xi hin aktar tard gie l-espert John Sacco, li kien liebes *baseball-cap*, lil dan qaltlu li wiehed mill-aggressuri kien liebes beritta bhal tieghu. Minn dan wasalna li allura dan kellu wiccu mikxuf, u allura giet id-deskrizzjoni ta’ persuna rqiqa, samra u ta’ madwar 30 sena, li xejn ma taqbel ma’ dik tal-esponent. Qalet li lil din il-persuna qatt ma ratha qabel. Xi jiem wara xi hadd ikkomunika mas-sur Daniel Zammit b’mod kunfidenzjali u indika lil Jonathan Felice, u hawnhekk is-Sinjura Dolores Debono giet murija numru mhux maghruf ta’ ritratti, fosthom ta’ Jonathan Felice, u gharfet lil dan bhala l-persuna li aggredietha. Hawnhekk ghandu jinghad li irrizulta li Jonathan Felice u l-hbieb tieghu spiss kienu imorru jilaghbu l-football hdejn il-*garages* li jinsabu faccata tad-dar ta’ Dolores Debono, u kien hemm okkazjonijiet fejn din harget tghajjat maghhom biex issikkithom. Dan ifisser li Dolores rat wicc l-esponent f’okkazjonijiet diversi meta kienet tohrog issikkithom biex ma jaghmlux storbju. Mela fil-mument li lil John Sacco u lill-ispetturi qaltilhom li l-persuna li aggredietha qatt ma ratha qabel, f’mohhha zgur ma kellhiex l-immagini ta’ Jonathan Felice. Pero` meta wara xi jiem giet murija r-ritratti, Dolores Debono rat ir-ritratt ta’ Jonathan Felice u indikatu bhala l-persuna li aggrediha. Il-fatt li ezattament wara din l-identifikazzjoni mhux ikkontrollata saret identifikazzjoni per via ta’ *identification parade* ikkontrollata mill-Magistrat tal-Ghassa iwassalna ghall-punt li l-procedura rneqjusa tal-*identification parade* kienet imtappna mill-identifikazzjoni mir-ritratti. Bhal ma l-ligi hasset il-htiega li *identication parade* gol-Kwartieri tal-Pulizija tigi sorveljata minn Magistrat, hekk ukoll moralment kien mehtieg li Dolores Debono taghmel l-identifikazzjoni mir-ritratti taht l-iskrutinju ta’ Magistrat li jara li l-ghazla ma tkunx suggerita jew influwenzata. Wara li Dolores Debono ghazlet ir-ritratt ta’ Jonathan Felice, fl-*identification parade* li saret immedjatament wara kien jehtigilha biss tqabbel dawk il-persuni mal-wicc li rat fir-ritratt.

“Illi minn dak li rrizulta, id-difiza kienet dejjem konvinta, li mhux l-aggressur kien xi hadd jixbah lil Jonathan Felice, imma li bhal ma qalet lil Dr Mario Scerri, it-tliet aggressuri kellhom wicchom mghotti u dak li hareg wara kien frott ta’ influwenzi u sthajjil li l-povra anzjana affaccjat f’dawk il-jiem tant imqallba ghaliha. Din il-konvinzjoni mhix ibbazata biss fuq il-mod preciz li xehed bih Dottor Mario Scerri, imma wkoll mill-fatt li t-triq ta’ Dolores Debono kienet

Victory Street f'Hal Qormi, li hija triq principali li fiha l-Labour Office, il-Poliklinika, il-posta, it-Tribunal Lokali u numru kbir ta' hwienet. Din hija triq pjuttost dejqa u kontinwament bin-nies u karozzi ghaddejjin. Id-difiza ma tista' timmagina ebda persuna li tissogra tmur taghmel serqa fid-dawl tat-3:30 ta' wara nofsinhar f'tali triq minghajr ma tghatti wiccha. U kieku wiehed kien tant imbecilli li jithajjar jaghmel hekk, iz-zewg aggressuri 1-ohra b'wicchom mghotti certament kienu jgaghluh jghatti wiccu ghax inkella jinqabdu! Ghalhekk xejn u xejn mhu verosimili li wiehed minn tliet hallelin imur jisgassa bieb go Victory Street Qormi fit-3:30 ta' wara nofsinhar minghajr ma jghatti wiccu.

"Ghaldaqstant l-esponenti huwa tal-fehma li bil-provi li ingiebu f'din il-kawza. gurija ben indirizzata ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni mehlusa minn kull dubju dettat mir-raguni li l-esponent irrenda ruhu hati tal-Ewwel u t-Tielet Kapi tal-Att tal-Akkuza. Kif jinghad fil-*case-law* Ingliza, dan il-verdett in rigward tal-Ewwel u t-Tielet Kapi tal-Att tal-Akkuza mhuwiex *'safe and satisfactory'*, u ghandu ghalhekk jigi kapovolt."

**29.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti issa trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati (salv dak li ntqal diġa\`), setgħux legalment u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[8] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti, u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) Hu inkontestat li fis-27 ta' Ġunju 2006 tliet malviventi sgassaw il-bieb ta' barra tar-residenza ta' Dolores Debono, u cioe\` Casa Debono, Triq il-Vittorja, Qormi (fejn kienet tabita flimkien ma' żewġha li fil-ħin ta' l-inċident ma kienx id-dar), wieħed minnhom aggrediha u t-tnejn l-oħra bdew iqalbulha l-affarijiet fir-residenza. L-iskop kien ta' serq peress illi l-istess aggressur beda jordnalha

[8] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

tgħid fejn kienu l-flus. L-imsemmija Dolores Debono sofriet offiżi ta' natura ħafifa b'riżultat ta' l-aggressjoni. Il-malviventi spiċċaw telqu idhom f'idhom.

(ii) L-appellant xehed u ċaħad li kien involut. Qal li fil-ħin tat-tentattiv ta' serq in kwistjoni hu kien jinsab id-dar waħdu. Irrejalizża għal min kienu qegħdin jirreferu l-Pulizija waqt l-interrogazzjoni meta ra lil Dolores Debono tixhed fil-każ, għax hu u xi ħbieb tiegħu kienu jilagħbu l-ballun faċċata tad-dar tagħha u ġieli ħarġet għalihom issikkithom, u ġieli anke bl-ixkupa. Waqt l-interrogazzjoni ma semmiex ħbieb għax ma riedx jidħol f'inkwiet bla bżonn.

(iii) Peress illi xehed *viva voce*, il-ġurati setgħu jevalwaw ix-xiehda tiegħu sikond il-kriterji msemmijin fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tax-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni, Dolores Debono, li ġiet eżentata milli tixhed għal raġunijiet mediċi.

(iv) Issa, Dolores Debono ġiet mitkellma jew intervistata minn diversi nies. Tajjeb għalhekk li naraw x'intqal, partikolarment rigward id-deskrizzjoni mogħtija minnha tal-malviventi, waqt li l-Qorti żżomm f'moħħha r-regoli tal-*hearsay*:

- L-Ispettur Daniel Zammit, li kien jaħdem s-CID, xehed li meta marru fuq il-post u kellmu lil Dolores Debono, hija spjegat "li tnejn minn nies li kienu qed iqallbu, mhux dak li kien qed iżommha, kienu mghammdin allura ma setghetx taghraf min kienu, pero` dak li kien qed iżommha minn halqha u f'posizzjoni li ma tistax tiċċaqlaq ma kienx mghammad u qaltilna li ghalkemm ma kinitx taf min hu kienet konvinta li jekk terga' tarah tkun tista' taghrfu. Fil-fatt konna tlabniha deskrizzjoni tieghu ahna, tlabniha deskrizzjoni tat-tlieta li huma pero` kienet kapaċi tiddeskrivi l-aktar lil dan il-persuna u qaltilna li kien twil, irqiq u bejn wiehed u iehor li dan kellu fuq l-ghoxrin sena. Spjegatilna wkoll illi ġewwa rasu kien liebes beritta ta' kulur kannella car."

  L-Ispettur Zammit qal li reġgħu marru jkellmuha xi jumejn jew tlieta wara meta daħlitlu informazzjoni kunfidenzjali li l-appellant kien involut, u ħadu magħhom album bir-ritratti ta' diversi nies. Bdew juruha r-ritratti u saqsewha jekk kinitx kapaċi tagħraf lil xi ħadd li huwa f'dawk ir-ritratti bħala xi ħadd minn dawk in-nies li daħlu fuqha. L-Ispettur Zammit kompla jixhed: "Waqt li kienet qegħda tara dawn ir-ritratti x'ħin ġie ritratt ta' Jonathan Felice waqfet fuqu u qaltilna biex ma nuruwhiex iżjed għax dak huwa dak il-persuna li kien daħal fuqha u speċifikat illi kien dak il-persuna li żammha minn ħalqha u kaxkarha ma' l-art."

Xehed ukoll illi fl-4 ta' Lulju saru żewġ *identification parades* fil-preżenza tal-Maġistrat Inkwirenti Dr Jacqueline Padovani Grima, u li fihom l-appellant għażel żewġ numri differenti u d-darbtejn Dolores Debono ndikat lilu.

- Is-Supretendent Carmelo Bartolo, li fi żmien il-każ kien Spettur mas-CID, xehed li mar fuq il-post u Dolores Debono qaltlu li wieħed mit-tliet malviventi baqa' sejjer fuqha u qabadha minn wiċċha, waqqagħha ma' l-art, kaxkarha u ordnalha sabiex tagħtih il-flus. Skont is-Supretendent Bartolo, Debono qaltlu li dan l-aggressur kellu wiċċu mikxuf filwaqt li t-tnejn l-oħra kienu mgħammda. Qal li kienu ħadu lil Dolores Debono l-poliklinika ta' Ħal-Qormi fejn ġiet eżaminata minn Dr David Fenech. Hawn irid jiġi osservat li skont l-Ispettur Daniel Zammit u l-Ispettur Marisa Zammit nee` Camilleri (l-Ispettur tad-distrett), Dr Fenech ġie fir-residenza ta' Debono. Dan jikkonfermah Dr David Fenech stess.

  Aktar tard fix-xiehda tiegħu qal ukoll illi Dolores Debono kienet iddeskriviet lill-aggressur tagħha bhala twil, irqajjaq, u li kien liebes flokk kulur kannella ċar, b'berritta wkoll li kienet ta' kulur kannella ċar.

  Is-Supretendent Bartolo xehed ukoll li peress li Dolores Debono kienet qaltlu li kienet f'posizzjoni li tagħraf lill-persuna li daħal fuqha, huwa urieha kollezzjoni ta' ritratti u minn dawn ir-ritratti hija kienet indikat persuna bħala dak illi kien daħal fuqha u beda jżommha minn wiċċha eċċ. Urietu b'imġieba tagħha li ma riditx tara aktar ritratti tant kemm kienet konvinta li kien hu, pero` talabha biex tara iżjed ritratti. Fuq insistenza tiegħu rat xi ritratti oħrajn, reġa' urieha ir-ritratt li kienet ippinpojntjatlu u baqgħet tinsisti li kien hu, tant illi kien hemm ħinijiet minnhom li bdiet timbuttalu r-ritratti minn quddiemha u ddawwar wiċċha. Ir-ritratt illi kienet indikat hi kien ir-ritratt ta' Jonathan Felice. In kontro-eżami s-Supretendent Bartolo qal li hu wrieha r-ritratti dakinhar stess filgħaxija, u meta nfurmat li l-Ispettur Daniel Zammit kien xehed li wrewha ritratti xi ġranet wara, is-Supretendent Bartolo qal li jidhirlu li hu kien mar għandha dakinhar stess. Hu ma kien jaf bl-ebda informazzjoni kunfidenzjali.

  Sar *identification parade* fil-preżenza tal-Maġistrat Inkwirenti. Qal li mill-ewwel, malli bdiet l-*identification parade* Dolores Debono b'ċertu konvinzjoni wriethom lil Jonathan Felice. Talbuha biex terġa' tarah minn angoli differenti kif fil-fatt sar, biddlu anka l-posizzjonijiet tan-nies u talbuha biex terġa' tarahom, u dejjem indikat lil Jonathan Felice, u wriethom li dan bdiet tagħmlu mingħajr ebda dubju minn naha tagħha.

- L-Ispettur Marisa Zammit nee` Camilleri kienet dak iż-żmien inkarigata mid-distrett ta' Ħal-Qormi u aċċediet fuq il-post. Meta wasal l-Ispettur Daniel Zammit bdew ikellmu lil Dolores Debono flimkien. Skont ix-xhud, Debono qaltilhom li tnejn mill-malviventi kienu mgħammdin u wieħed minnhom kien liebes xi beritta. Dak li kien liebes il-beritta beda jgħidilha biex ma tgħajjatx, beda jheddidha, beda jgħidilha li jekk ha tgħajjat ha jġibu l-armi u riedu jkunu jafu fejn qeghdin il-flus.

- John Sacco kien nominat bħala espert tekniku. Huwa aċċeda fuq il-post fis-27 ta' Ġunju 2006 stess u sema' x-xiehda ta' Dolores Debono bil-ġurament fis-7.45 p.m. Hija qaltlu li marret tistrieh fis-sodda, u għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar semgħet il-bieb ta' barra jinfetaħ u marret tara min kien daħal. F'daqqa waħda rat tliet irġiel fl-entrata ħdejn il-pultruna. Iddeskriviet dawn l-irġiel hekk kif ġej: l-ewwel raġel wiċċu tawwali ismar liebes beritta bil-pizz ta' kulur kannella. Ix-xhud qal li hawn Debono ghamlet referenza għal beritta li kien liebes hu stess, peress li kien beda s-sajf u kien liebes beritta minħabba x-xemx; din kienet *baseball cap*. Skont ix-xhud, Debono ppuntat lejn il-beritta li kellu fuqu hu u qaltlu li kienet bħalha. U kompliet tiddeskrivi l-persuna li aggrediha bħala kellu l-eta` ta' madwar jew ftit anqas minn tletin sena. Dan il-persuna ma kienx liebes maskra jew barnuża, cioe` ma kellux wiċċu mgħotti. Kellu flokk fil-kannella ċar u x'aktarx kien liebes jeans, qalziet jeans. Ma kinitx taf x'tip ta' żarbun kien liebes. Kellu ngwanti ħoxnin ta' materjal sufi ta' kulur kannella f'idejh. It-tieni u t-tielet raġel kienu mgħammdin cioe` kellhom wiċċhom mgħotti iżda ma tafx biex kien mgħotti. Dwar dak li ma kellux wiċċu mgħotti stqarret illi qatt ma kienet ratu qabel iżda temmen illi jekk terġa' tarah tagħrfu żgur.

- Dottor Mario Scerri qal fir-rapport tiegħu li huwa aċċeda fuq il-post flimkien ma' l-Ispettur Marisa Camilleri (issa miżżewġa Zammit) fil-5.30 p.m., u dan sabiex jagħmel eżami mediko-legali fuq Dolores Debono. Huwa tkellem magħha u hija qaltlu, mhux taħt ġurament, li ġiet attakkata minn tliet irġiel li tnejn minnhom kellhom maskri u t-tielet wieħed x'aktarx kellu balaclava. Dwar din il-verżjoni din il-Qorti diġa` tkellmet *supra* f'paragrafu 19.

(v) Dolores Debono xehdet quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-4 ta' Lulju 2006 meta saru l-*identification parades*. Meta sar l-ewwel *parade* għażlet lill-appellant u qalet li kien l-istess persuna li rat fost ir-ritratti li wrewha l-Pulizija. Hija xehdet dwar dak li kien ġara u qalet li wieħed biss mit-tlieta li daħlulha kellu wiċċu mikxuf, u dan kien "l-persuna li jien għaraft fl-*identification parades*". Qalet ukoll: "Għandi nippreċiża illi l-persuna li jien għaraft fl-*identification parade* kellu beritta, cioe` l-beritta komuni. Jien xorta waħda

għaraftu, jien stajt nagħrfu għaliex dan ġie wiċċ imb'wiċċ miegħi speċjalment għamilli idejh ma' wiċċi. Jien stajt nara lil wiċċu u impressjonani u allura bqajt inħares lejn wiċċu, u dan l-inċident ġara fit-tlieta neqsin kwart it-tlieta ta' wara nofsinhar u allura kienet ix-xemx."

(vi) Dolores Debono finalment xehdet fl-Istruttorja. Hija qalet li wieħed mill-irġiel ħatfilha wiċċha u qallha biex ma tgħajjatx. Hi bdiet tgħajjat għall-għajjut u hu beda jgħattilha wiċċha. Daħlu tnejn oħra b'wiċċhom mgħammad. Dak li ħatfilha wiċċha kien liebes flokk kafellatte u beritta wkoll kafellatte. "Il-persuna ġiet wiċċ imb'wiċċ miegħi u għalhekk stajt nagħrafha. Ngħid li din il-persuna hija l-imputat odjern li qed nagħraf preżenti fl-awla.... Ngħid ukoll li wara l-inċident il-Pulizija kienu ġabuli ritratti d-dar u jiena kont għaraft persuna minn dawn ir-ritratti li din kienet il-persuna li jiena kont rajt wiċċ imb'wiċċ. Imbagħad darba oħra naf li kont mort id-Depot u kont rajt diversi nies minn wara ħġieġa għal darbtejn u kont għal darba oħra erġajt għaraft l-istess persuna. Il-persuna li jiena kont għaraft fir-ritratti u sussegwentement wara l-ħġieġ fid-Depot hija l-istess persuna, l-imputat, fil-Qorti."

(vii) L-appellant isostni li l-ħwejjeġ li l-vittma tgħid li kien liebes l-aggressur tagħha ma nstabux fir-residenza tiegħu, li *fingerprints* tiegħu ma rriżultawx fix-xena tad-delitt, li ma sarux testijiet tad-DNA fuq it-traċċi ta' demm li kien hemm fix-xena tad-delitt, li ma tteħdulux *scrapings* minn taħt id-dwiefer, u li mill-*mobile* tiegħu ma rriżulta xejn u difatti lanqas ġie esebit fil-Qorti. Dawn huma kollha provi negattivi li, pero`, ma jwasslu mkien, u cioe` li minnhom ma tista' tinstilet l-ebda konklużjoni.

(viii) L-appellant jilmenta li l-*identification parades* kienu mtappna mill-fatt li Dolores Debono kienet intweriet numru ta' ritratti. Din il-Qorti ma tara xejn ħażin fil-fatt li, bħala parti mill-investigazzjonijiet, il-Pulizija turi lill-vittma ritratti – purche` dawn ma jkunux ta' persuna waħda – sabiex tara jekk tistax tidentifika l-malvivent/i. Fil-fatt f'dan il-każ hu evidenti li l-Pulizija wrew lil Dolores Debono ritratti ta' diversi persuni – l-Ispettur Daniel Zammit jgħid li kien album ta' ritratti li fosthom kien hemm ta' l-appellant. Ma jirriżultax illi Debono ġiet b'xi mod suġġestjonata da parti tal-Pulizija li wrewha r-ritratti u tħalliet fil-liberta` tagħmel l-identifikazzjoni hi. Jekk xejn, l-insistenza da parti tal-Pulizija kienet sabiex tibqa' tara aktar ritratti wara li kienet indikat ir-ritratt ta' l-appellant. Imbagħad meta saru l-*identification parades* Dolores Debono reġgħet indikat lill-appellant bħala l-persuna li kien aggrediha.

(ix) L-appellant jinsisti illi għandu jiġi kkunsidrat dak li qal Dr Mario Scerri li l-aggressur kien liebes balaclava. Diġa` saru xi osservazzjonijiet dwar din il-kwistjoni u, f'dan l-istadju jingħad ukoll li din il-verżjoni – li ma ngħatatx taħt ġurament – ma ġietx korroborata lanqas mill-vittma stess, la meta xehdet fl-

istess ġurnata aktar tard quddiem l-espert tekniku John Sacco u lanqas meta xehdet fl-Istruttorja. Lanqas ma hija l-verżjoni li diversi membri tal-Korp tal-Pulizija qalu li qaltilhom.

(x) Fiċ-ċirkostanzi, nonostante xi nuqqasijiet riskontrati fl-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment jikkonkludu li l-aggressur ta' Dolores Debono kien proprju l-appellant.

**30.** Għaldaqstant anke dan l-aggravju huwa miċħud.

**31.** Aggravju ieħor ta' l-appellant huwa dwar l-ispejjeż peritali. Jissottometti li m'għandux ibati l-ispejjeż tas-SOCO li ġabar s-*swabs* tad-demm in kwantu dawn is-*swabs* qatt ma ngħataw lil espert għal skopijiet ta' analiżi. Fit-tieni lok fejn jirrigwarda l-Perit Arkitett Mario Cassar: dan gie maħtur fuq talba tal-Prosekuzzjoni wara sitt snin ta' smiegħ sabiex tiġi vvalutata l-ħsara fil-fond ta' Dolores Debono. Dan il-Perit ma rrizultalu ebda ħsara, u di fatti ma nħarġet ebda akkuża ta' ħsara volontarja.

**32.** Minn eżami tar-relazzjoni tas-*scene of crime officer* P.C. 1253 Frederick Brincat, filwaqt illi jirriżulta li ttieħdu ħames *swabs* minn fuq ix-xena tad-delitt, mil-lista ta' l-ispejjeż ma jirriżultax illi sar xi addebitu għat-teħid ta' l-is*wabs*. Għalhekk it-talba f'dar-rigward mhijiex ġustifikata.

**33.** Fir-rigward tar-relazzjoni tal-Perit Mario Cassar, l-appellant għandu raġun peress illi minn spezzjoni esterna li għamel tal-bieb ma sabx ħsarat. Evidentement dan kien għax huwa ġie nominat aktar minn sitt snin wara l-każ. Għalhekk mill-ispejjeż peritali jridu jitnaqqsu dawk tal-perit arkitett Mario Cassar ammontanti għal €246.57.

**34.** L-aħħar aggravju huwa dwar il-piena. L-appellant jgħid illi inkarċerazzjoni għal perijodu ta' disa' snin hija eċċessiva in kwantu tirreferi għal reat tentat u mhux kompletat; fit-tieni lok li huwa qed jigi ppenalizżat doppjament għall-feriti ħfief, u cioe` sija taħt l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza kif ukoll taħt it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża; fit-tielet lok in kwantu l-Ewwel Qorti għamlet referenza għall-fedina penali tiegħu u għar-reċidiva, u għamlet referenza għall-eta` li kellu dak iż-żmien (17-il sena), pero` la ħadet in konsiderazzjoni l-attenwant taż-żmien li għadda mill-2006 'il hawn, u anqas ħadet in konsiderazzjoni l-attenwant tal-verdett debboli ta' 6 kontra 3 kemm fl-Ewwel Kap ta' l-Akkuża kif ukoll fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

**35.** Il-prinċipju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma

tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[9].

**36.** Kwantu għall-piena dwar ir-reat kontemplat taħt l-Ewwel Kap, il-piena hi dik ta' priġunerija minn sentejn sa ħames snin li tiżdied bi grad jew żewġ gradi a tenur ta' l-artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali (peress li l-vittma kellha aktar minn sittin sena) u bi grad jew żewġ gradi oħra a tenur ta' l-artikolu 277(b) tal-Kodiċi Kriminali (peress li hemm ukoll l-aggravju tal-mezz). Pero` mbagħad il-piena terġa' tonqos bi grad jew żewġ gradi skont l-artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali (peress illi l-appellant kellu sbatax-il sena) u bi grad jew żewġ gradi skont l-artikolu 41(1)(a) ta' l-istess Kodiċi (peress illi si trattava ta' tentattiv). Jekk wieħed iqis li dan it-tlugħ u nżul jikkanċellaw lil xulxin, allura l-piena tiġi dik oriġinali ta' priġunerija minn sentejn sa ħames snin. Pero` mbagħad il-piena "tista'" tiżdied minħabba r-reċidiva skont l-artikolu 289 ta' l-istess Kodiċi. Hawn, peress illi jidher illi qabel dan il-każ l-appellant kellu kundanna waħda ta' serq, allura l-piena "tista'" tiżdied bi grad jew żewġ gradi. Jiġifieri l-piena massima ta' ħames snin titla' bi grad wieħed għal sitt snin u b'żewġ gradi għal disa' snin. Din hija l-piena li ġiet inflitta mill-ewwel Qorti. Għalhekk ma jistax jingħad, kif isostni l-appellant, li ġie ppenalizżat doppjament għall-offiżi ħfief għax jidher li bil-piena nflitta l-ewwel Qorti qieset ir-reat taħt it-Tielet Kap bħala assorbit fl-Ewwel Kap.

**37.** Kwantu għall-kwistjoni tat-trapass taż-żmien, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et** mogħtija fit-2 ta' Ottubru 2002 fejn intqal hekk:

> **"Issa apparti li kif gie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara: Ir-Repablika ta' Malta vs Joseph Attard (24.7.2000) u Ir-Repablika ta' Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard (24.7.2000)).**
>
> **"Jista' pero` f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza 'Il-Pulizija vs Geoffrey Azzopardi' (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.**
>
> **"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien**

[9] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."**

**38.** Din il-Qorti eżaminat l-atti proċesswali kollha u mill-atti ta' l-Istruttorja jirriżultaw diversi seduti li għalihom l-appellant ma attendiex. Jiġifieri l-proċeduri kontra l-appellant twalu anke għal raġunijiet imputabbli lilu stess. Barra minn hekk l-appellant ma weriex li tul dan iż-żmien huwa żamm il-bogħod mill-ksur tal-liġi. Anzi l-fedina penali tiegħu turi, almenu *prima facie,* li huwa ġie kkundannat numru ta' drabi fuq diversi serqiet, fuq ksur tal-liġi dwar mediċina perikoluża u fuq ksur tal-liġijiet tat-traffiku.

**39.** Kwantu għall-verdett, dak mogħti hu verdett legali, mogħti skont l-artikolu 468 tal-Kodiċi Kriminali.

**40.** Fl-aħħarnett din il-Qorti tirribadixxi dak li dejjem sostniet[10]: **"Il-pieni għandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent ġenerali; u l-qrati ta' ġustizzja kriminali għandhom jibagħtu messaġġ ċar mhux biss li l-vjolenza fiżika għandha, bħala regola ġenerali, dejjem iġġib magħha l-piena ta' priġunerija b'effett immedjat, iżda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni oħra partikolarment vulnerabbli, il-piena għandha tkun aktar severa minn dik li normalment tingħata f'każijiet oħra."**

**41.** Għalhekk l-aggravju dwar il-piena huwa miċħud.

**42.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, filwaqt illi tordna li mis-somma komplessiva ta' l-ispejjeż peritali għandha titnaqqas is-somma ta' €246.57 tal-perit arkitett Mario Cassar, tiċħad il-bqija ta' l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

[10] Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic** Bonnici, 11 ta' Novembru 2004.